



---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/0185(COD)**

10.6.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA<sup>2</sup>) L-interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2014)0367 – C8-0037/2014 – 2014/0185(COD))

Rapporteur (għal opinjoni): Jeroen Lenaers

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura



## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta tipprevedi l-istabbiliment ta' programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjoni pubblika Ewropea, in-negozji u ċ-ċittadini (ISA<sup>2</sup>), li se tkun hemm kontinwazzjoni li għandha tintlaqa' tajjeb u titjib fuq programmi preċedenti (IDA, IDABC, ISA). Kif kien miftiehem mal-kumitati ITRE u IMCO, il-Kumitat LIBE, skont l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura, se jkun esklussivament kompetenti għal aspetti relatati mal-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet fundamentali.

Għalkemm mhux is-soluzzjonijiet kollha ta' interoperabbiltà li se jiġu żviluppati taħt l-ISA<sup>2</sup> se jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta personali, uħud mis-soluzzjonijiet definittivament se jinvolvu dan. Ir-Rapporteur għalhekk iqis li huwa ta' importanza li jiddaħħlu referenzi speċifiċi fl-*acquis* tal-protezzjoni tad-dejta tal-Unjoni, peress li l-proposta attwali tal-Kummissjoni Ewropea ma tkoprix biżżejjed dan l-aspett.

L-emendi, kif inhuma proposti mir-Rapporteur, idaħħlu referenzi speċifiċi fl-*acquis* tal-protezzjoni tad-dejta tal-Unjoni, speċjalment id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jiżguraw li d-drittijiet tal-individwi jiġu rrispettati meta l-azzjonijiet koperti mill-ISA<sup>2</sup> jinkludu l-ipproċessar tad-dejta personali.

Barra minn hekk, il-prinċipju tal-protezzjoni tad-dejta, fit-tfassil tiegħu, jiżdied mal-prinċipji ġenerali li fuqhom jittieħdu l-azzjonijiet taħt il-Programm ISA<sup>2</sup>. Dan se jiżgura li fl-istadju tal-iżvilupp ta' soluzzjoni ta' interoperabbiltà li tinvolvi l-ipproċessar ta' dejta personali, ikunu diġà tqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta. Referenzi simili jiddaħħlu fil-fażijiet tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sabiex jiġi żgurat li tingħata attenzjoni xierqa lill-protezzjoni ta' dejta personali anki matul dawg il-fażijiet.

## EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal deċiżjoni Premessa 3a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) L-interoperabbiltà fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta u kooperazzjoni transfruntiera aktar b'saħħitha għandhom juru potenzjal sostanzjali għal effiċjenza aħjar tas-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri, li, jekk jintużaw sal-***

*massimu tal-kapaċità tagħhom, jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-miri tas-Semestru Ewropew.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Premessa 19**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Perspettiva ta' interoperabbiltà f'settur uniku hija assoċjata mar-riskju li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet differenti jew mhux kompatibbli fil-livelli nazzjonali jew settorjali twassal għal ostakoli elettroniċi ġodda li jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-moviment liberu assoċjat, u tnaqqas il-ftuħ u l-kompetittività tas-swieq u t-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Sabiex inaqqsu dan ir-riskju, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom isaħħu l-isforzi konġunti sabiex jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq u jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi, u jippromwovu s-soluzzjonijiet ICT li jkun sar qbil komuni fuqhom, filwaqt li jiżguraw governanza xierqa.

## **Emenda 3**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Premessa 33a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

(19) Perspettiva ta' interoperabbiltà f'settur uniku hija assoċjata mar-riskju li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet differenti jew mhux kompatibbli fil-livelli nazzjonali jew settorjali twassal għal ostakoli elettroniċi ġodda li jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-moviment liberu assoċjat, u tnaqqas il-ftuħ u l-kompetittività tas-swieq u t-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Sabiex inaqqsu dan ir-riskju, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom isaħħu l-isforzi konġunti sabiex jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq u jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi, u jippromwovu s-soluzzjonijiet ICT li jkun sar qbil komuni fuqhom, filwaqt li jiżguraw governanza xierqa. ***Is-sigurtà tal-użu tad-dejta u l-cloud storage għandhom ikunu wkoll koperti mill-Programm ISA<sup>2</sup>.***

##### *Emenda*

***(33a) Il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni rigward il-protezzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni***

*ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1a u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1b, għandhom japplikaw għal soluzzjonijiet żviluppati, stabbiliti u operati taħt il-Programm ISA<sup>2</sup> li jinvolve l-ipproċessar ta' dejta personali.*

---

*<sup>1a</sup> Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.).*

*<sup>1b</sup> Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.)*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(g) il-valutazzjoni, l-aġġornament u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni eżistenti u l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni ġodda permezz tal-pjattaformi ta' standardizzazzjoni tal-Unjoni u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali kif xieraq; kif ukoll

###### *Emenda*

(g) il-valutazzjoni, l-aġġornament u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni eżistenti u l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni ġodda permezz tal-pjattaformi ta' standardizzazzjoni tal-Unjoni u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali kif xieraq, **inkluż fir-rigward tas-sigurtà tat-trażmissjoni, l-**

## **Emenda 5**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ħa) il-faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dejta minn intrapriżi u ċittadini b'mod li jkun benefiċjali u Prattiku, f'konformità mal-liġi applikabbli dwar, fost l-oħrajn, il-protezzjoni tad-dejta.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – punt b – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*is-sigurtà u l-privatezza;*

*is-sigurtà, ir-rispett tal-privatezza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta;*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – punt b – inċiż 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– il-privatezza bħala prinċipju bażiku u maħsub mit-tfassil;*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-istabbiliment jew it-titjib ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, fejn xieraq, jibnu jew jiġu akkumpanjati mill-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni tal-prattika tajba. Il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattika tajba bejn il-partijiet interessati kollha u l-konsultazzjonijiet pubbliċi rilevanti jitħeġġu.

*Emenda*

4. L-istabbiliment jew it-titjib ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, fejn xieraq, jibnu jew jiġu akkumpanjati mill-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni tal-prattika tajba. ***Dan għandu jinkludi kunsiderazzjoni xierqa tal-impatt tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.*** Il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattika tajba bejn il-partijiet interessati kollha u l-konsultazzjonijiet pubbliċi rilevanti jitħeġġu.

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 6 – paragrafu 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***11. L-azzjonijiet u s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jeħtieġu pproċessar ta' dejta personali għandhom, fejn xieraq u possibbli, jiġu preċeduti minn valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-data.***

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-evalwazzjoni intermedjarja u dik finali tal-Programm ISA<sup>2</sup> għandhom jinkludu analiżi tal-konformità mal-liġi tal-Unjoni rigward il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu***

*ta' tali dejta fl-azzjonijiet kollha relevanti u s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jirrikjedu l-ipproċessar ta' dejta personali.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 13a*

##### *Protezzjoni tad-dejta*

*Soluzzjonijiet żviluppati, stabbiliti u operati taħt il-Programm ISA<sup>2</sup>, inkluża kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, li jinvolve l-ipproċessar ta' dejta personali għandhom jikkonformaw strettament mal-liġi tal-Unjoni rigward il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta.*



## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku			
<b>Referenzi</b>	COM(2014)0367 – C8-0037/2014 – 2014/0185(COD)			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 3.7.2014			
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 3.7.2014			
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	15.1.2015			
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jeroen Lenaers 3.12.2014			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	5.2.2015	5.3.2015	6.5.2015	26.5.2015
<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.5.2015			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	48 2 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Martina Anderson, Malin Björk, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Tanja Fajon, Laura Ferrara, Kinga Gál, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Jussi Halla-aho, Monika Hohlmeier, Brice Hortefeux, Iliana Iotova, Eva Joly, Timothy Kirkhope, Barbara Kudrycka, Marju Lauristin, Juan Fernando López Aguilar, Vicky Maeijer, Roberta Metsola, Claude Moraes, József Nagy, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Branislav Škripek, Csaba Sógor, Helga Stevens, Marie-Christine Vergiat, Beatrix von Storch, Cecilia Wikström, Kristina Winberg, Tomáš Zdechovský			
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Pál Csáky, Miriam Dalli, Gérard Deprez, Miltiadis Kyrkos, Jeroen Lenaers, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Emilian Pavel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Petri Sarvamaa, Elly Schlein, Josep-Maria Terricabras, Ruža Tomašić, Axel Voss			
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrey Novakov, Annie Schreyer-Pierik			